MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 1520/1999/1

**Kevin Sant**

**vs**

**Alistair Caruana**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

Illi l-konvenut kellu incident awtomobilistiku bil-vettura tal-ghamla ‘Ford Fiesta’ bin-numru ta’ registrazzjoni GAC-067, proprejta’ tal-attur, ghal liema incident awtomobilistiku huwa unikament responsabbli l-istess konvenut;

Illi permezz ta’ skrittura datata t-12 ta’ Marzu, 1999 u redatta minn Nutar Pubbliku Dr John Debono LL.D., li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala dok. “A”, il-partijiet kienu diga qablu li l-hsarat kollha kagjonati kellhom jithallsu mill-konvenut odjern li obbliga ruhu li jhallas l-imsemmija hsarat;

Illi sussegwentement il-konvenut irrifjuta li jhallas dawn il-hsarat, u dan minkejja li gie debitament interpellat ghal dan il-ghan mill-attur permezz ta’ ittra bonarja datata t-28 ta’ Mejju, 1999 (kopja annessa bhala Dok.B ) u ittra ufficjali datata  Gunju  1999 (Kopja annessa bhal dok. C) izda l-konvenut baqa’ inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenut jghid ghaliex m’ghandiex din l-Onorabbli Qorti-:

tiddikkjara illi l-konvenut ikkaguna hsarat u danni fil-vettura tal-ghamla “Ford Fiesta” bin-numru ta’ registrazzjoni “Gac-067” ghad-dannu tal-attur;

tillikwida d-danni sofferti mill-attur bi htija tal-konvenut u

tikkundana lill-konvenut biex ihallas lill-attur dik is-somma in linea ta’ danni kif likwidata;
Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-ittra bonarja datata 28 ta’ Mejju, 1999, tal-ittra ufficjali datata ta’ Gunju, 1999, bl-ispejjez extra-gudizzjarji u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ukoll ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur dbitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit :-

Illi ghalkemm huwa minnu illi l-eccipjenti kkawza hsarat involontarju fil-vettura de quo, propjeta’ ta’ l-attur, dan sehh f’cirkostanzi illi kienu kompletamwent accidentali u

mhux dovuti ghal xi traskuragani negligenza imperizja jew non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku ta' l-eccipjenti;

Illi d-dikjarazzjoni rilaxxata mill-eccipjenti u li giet esibita bhala Dok. A flimkien mac-citazzjoni, giet minnu mehuda permezz ta' vjolenza morali u theddid da parti ta' omm l-attur;

Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont pretiz mill-attur huwa eccessiv, in kwantu qieghed jippretendi hlas ghal spare parts illi kienu diga' gew mixtrija u kkonsenjati lilu mill-istess eccipjenti ftit zmien wara l-incident awtomobilistiku de quo u inoltre jkopri wkoll tiswijiet ghal hsarat fil-vettura, li ma kienu bl-ebda mod ikkagjonati mill-ecceipjent;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Semghet lill-attur u lix-xhieda minnu prodotti;

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 Novembru 2000 minn fejn jirrizxulta li l-konvenut iddikjara li m'hemmx ghalfejn li jigu konfermati r-ricevuti rilaxxjati minn Peter Caruanu u John Muscat;

Semghet lix-xhud prodott mill-konvenut;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat in-nota tal-konvenut;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Fic-citazzjoni l-attur jippremetti li l-konvenut kien involut f'incident awtomobilistiku bil-vettura tal-marka Ford Fiesta bin-numru ta' registrazzjoni GAC-067 u liema vettura hi proprjeta tal-attur. L-attur ikompli jippremetti li l-konvenut

kien unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku imsemmi. L-attur inoltre jghamel referenza ghal skrittura datata 12 ta’ Marzu 1999 li biha l-konvenut obbliga ruhu li jhallas ghal-hsarat kawzati fl-istess incident. L-attur jippremetti ukoll li issa l-konvenut qed jirrifjuta li jhallas ghal dawn il-hsarat. Ghalhekk l-attur qed jitlob li jigi dikjarat li l-konvenut ikkaguna hsarat u danni fl-imsemmija vettura tal-attur u dana ghad-dannu tal-istess attur. L-attur qed jitlob ukoll li jigu likwidati dawn id-danni u konsegwentement li l-konvenut jigi kundannat ihallas id-danni hekk likwidati;

Fin-nota ta’ eccezzjonijiet tieghu l-konvenut jammetti li huwa kkawza hsarat fl-imsemmija vettura ta’ l-attur pero’ jissottometti li dawn gew hekk ikkawzati involontarjament u accidentalment. Il-konvenut inoltre jeccepixxi li l-imsemmija skrittura jew ahjar dikjarazzjoni rilaxxata minnu hi r-rizultat ta’ vjolenza morali u theddid da parti ta’ omm l-attur. Inoltre l-ammont pretiz mill-attur huwa eccessiv, in kwantu l-attur qed jippretendi hlas ghal spare parts li kienu gia gew mixtrija mill-konvenut u in kwantu ikopru tiswijiet ghal hsarat li ma gewx kagjonati mill-konvenut;

Jidher li fl-ewwel lok il-konvenut qed jikkontesta r-responsabilita’ tieghu ghar-rigward tal-incident in kwestjoni. Jidher ukoll li fit-tieni lok l-istess konvenut qed jikkontesta l-validita’ tal-iskrittura tat-12 ta’ Marzu 1999 peress li skond hu ffirma din l-iskrittura minhabba vjolenza morali u theddid da parti ta’ omm l-attur. Fit-tielet lok il-konvenut qed jikkontesta l-ammont pretiz mill-attur peress li skond hu dan l-ammont hu eccessiv;

Kwantu ghall-ewwel kontestazzjoni tal-konvenut jirrizulta li mill-bidu nett il-konvenut accetta r-responsabilita’ ghar-rigward tal-incident in kwestjoni u dana kif xehed l-istess konvenut. Jirrizulta ukoll li l-ghada tal-incident il-konvenut xtara xi parts sabiex jirrimpjazzaw parts ohra li kienu jidhru li kienu garbu hsarat bhala konsegwenza tal-incident stradali in kwestjoni u hallas ukoll ghat-“towing” tal-vettura tal-attur;

Inoltre l-konvenut ikkonferma li huwa ma hallax l-ammont li talbu l-attur peress li l-konvenut deherlu li din it-talba kienet eccessiva. Skond il-konvenut ir-responsabilta' tieghu m'ghandhiex tmur oltre l-erba' mija u hamsin lira (Lm450) u cioe’ kemm huwa kkalkola li kien hemm bzonn li jintefqu sabiex jissewwew il-hsarat li sofra l-attur. Fil-kors tad-deposizzjoni tieghu l-konvenut ikkonferma li ghadu dispost li jhallas ghal hsarat in kwestjoni pero' kemm-il darba dawn ikunu l-ispejjez li saru bhala konsegwenza ta' l-incident in kwestjoni. Jirrizulta ghalhekk li l-konvenut mill-ewwel accetta r-responsabilita’ ghall-incident in kwestjoni u jirrizulta ukoll li ghadu jsostni tali resposabilita’;

Barra minn hekk il-konvenut iffirma l-iskrittura tat-12 ta’ Marzu 1999 fejn huwa qabel li kellu jhallas ghall-hsarat in kwestjoni u obbliga ruhu li jhallas ghal dawn l-istess hsarat. Ghalhekk il-konvenut ghamel ukoll obbligazzjoni bil-miktub dwar il-hlas tad-danni in kwestjoni. In effett l-imsemmija tieni kontestazzjoni tal-konvenut tirreferi ghal din l-iskrittura. Ma jirrizultax li l-konvenut iffirma din l-iskrittura miunhabba theddid jew pressjoni orali da parti tal-omm tal-attur. F’dan ir-rigward il-konvenut illimita ruhu billi qal li huwa accetta li jmur ghand Nutar peress li omm l-attur kienet insistiet hafna f’dan ir-rigward tant li l-istess omm tal-attur bdiet ukoll tghajjat mieghu. Dan zgur li ma jammontax ghal theddid jew pressjoni morali. In effett il-konvenut stess stqarr li ghand in-Nutar m'ghamel xejn kontra r-rieda tieghu;

Fid-dawl ta’ dan kollu l-ewwel u t-tienii eccezzjoni tal-konvenut ma jistghu qatt jigu akkolti. Ghalhekk jirrizulta li l-konvenut accetta, anke bil-miktub, ir-responsabilita’ ghar-rigward tal-incident in kwestjoni. Jibqa ghalhekk li tigi esaminata t-tielet sottomissjoni tal-konvenut rigwardanti li l-quantum tad-danni li qed jitlob l-attur hu eccessiv;

F’dan ir-rigward in vista tal-provi prodotti, b’mod partikolari id-dinamika kif sehh l-incident in kwestjoni, d-dokumenti esibiti u d-deposizzjonijiet ta’ Raymond Farrugia u Mario Gauci, jidher li t-talbiet attrici kwantu ghal quantum tad-danni sofferti huma gustifikati u dan anke in vista ta’ dak li

qal l-istess konvenut li ma kienx jidher li kien hemm hsarat fuq il-vettura tal-attur qabel ma sehh dan l-incident. Id-danni reklamati huma gustifikati bl-eccezzjoni pero' ghal dak li jirrigwarda l-hsarat sofferti fil-bumper ta' quddiem tal-vettura tal-attur. F'dan ir-rigward jidher li dan il-bumper qabel l-incident ma kienx originali mentri gie rimpjazzat b'wiehed originali. Ghalhekk l-ispejjez reklamati ghar-rigward ta' dan il-bumper ghandhom jitnaqqsu bin-nofs u dan fuq kalkolu tal-Qorti mghamul "arbitrio boni viri". (Lm150 – Lm75 = Lm75). Ghalhekk mid-danni kollha kif reklamati mill-attur (Lm1209.21) ghandu jitnaqqas l-ammont ta' seba u hamsin liri maltin (Lm75) u b'hekk id-danni sofferti mill-attur ghandhom jigu likwidati fis-somma ta' elf u erba u hamsin liri maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm1209.21 – Lm75 = Lm1054.21);

In vista ta' dak kollu li gie premess u in vista tar-rizultanzi t-talbiet kollha attrici jirrizultaw gustifikati u ghandhom jigu akkolti salv dak li jinghad fil-paragrafu precedenti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet kolha attrici u tiddikkjara illi l-konvenut ikkaguna hsarat u danni fil-vettura tal-ghamla "Ford Fiesta" bin-numru ta' registrazzjoni GAC 067 ghad-dannu tal-attur u tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' elf u erba u hamsin liri maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm1054.21) u tikkundana lill-konvenut biex ihallas lill-attur l-istess somma ta' Lm1054.21 in linea ta' danni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------